**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ZURRIEQ**

**IT-TIENI LEĠISLATURA – LAQGĦA NUMRU TNEJN U ERBGĦIN**

**29TA' NOVEMBRU, 2017**

Il-Membri kif eletti tat-tieni leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-17:30.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, u l-membri Joseph D'Amato, Kevin Sam Farrugia u Marilyn Sammut.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **42.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 42.1.1 | | Il-Viċi Sindku Maria Schembri infurmat li ma setgħatx tattenti għax kienet ma tiflaħx. Ġiet milqugħa l-appoloġija.. |
| | | |
| | | |
| **42.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 42.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-wieħed u erbgħin –il seduta. |
| | | |
| ***42.3*** | | ***SUĠĠERIMENTI U LMENTI*** |
| | | |
| 42.3.1 | | Fir-rigward taż-żebra crossing li l-Kumitat Amministrattiv talab li ssir fi Vjal l-Indipendenza, s-Segretarju Eżekuttiv infurmat li din ser tiġi tiswa |

| | | |
|---|---|---|
| | | 7,111Euro. Illum inbeda x-xogħol u kien hemm ħafna ilmenti miż-żewġ residenti li tali crossing ġejja quddiem ir-residenza tagħhom. Kien hemm qbil li ssir. |
| | | |
| 42.3.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-tiżjien tal-Milied ser isir fil-weekend li ġej. |
| | | |
| 42.3.3 | | Il-membru Kevin Sam Farrugia ssuġġerixxa li ssir tabella biex ma jintremiex skart faċċata tal-klinkia ta' Dr Bjorn. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***42.4*** | | ***Bdil fl-ismijiet tat-toroq f'Bubaqra*** |
| | | |
| 42.4.1 | | Il-membru Joseph D'Amato nforma li waqt laqgħa li kellu mal-kumitat ismijiet tat-toroq u tal-għoti tan-numri tal-bibien, ġie ssuġġeriet dan li ġej:<br>• jew li t-triq mil-kappella ta' Santa Marija sa Triq San Martin isir jisimha Triq Santa Marija kollha,<br>• jew li Triq Sant Agatha tibda tissemma minn Triq San Basjan sa Triq San Martin – għaliex il-Kumitat Ismijiet tat-toroq ma jaqbilx li djar appoġġ ma xulxin ikunu f'toroq b'ismijiet differenti.<br>• Jew li kollox jibqa kif inhu preżentament u ma jingħatawx numri fil-bibien tat-toroq imsemmija.<br><br>Wara diskussjoni kien hemm qbil li kollox jibqa' kif inhu preżentament, minħabba li r-residenti li ser jinbidlilhom l-isem tat-triq, jkunu jridu jgħaddu mill-proċess ta' bdil tal-ID card, liċenzji, servizzi, kuntratti tad-djar, testmenti etc. |
| | | |
| ***42.5*** | | ***Kartolina tal-Milied*** |
| | | |
| 42.5.1 | | Kien hemm qbil li l-kartolina tintbagħat bieb bieb u li jkun fiha id-dettalji tal-laqgħa annwali u l-attivita' tat-tfal. |
| | | |
| ***42.6*** | | ***Attivita' tal-Milied għat-tfal ta' Bubaqra*** |
| 42.6.1 | | Kien hemm qbil li l-attivita' tal-Milied tat-tfal issir kif saret is-sena l-oħra u d-data tkun 27 ta' Diċembru jew 28 ta' Diċembru, skont meta jkun hemm post fiċ-ċinema. |
| | | |
| ***42.7*** | | ***Data tal-laqgħa annwali għar-residenti ta' Bubaqra*** |
| | | |
| 42.7.1 | | Kien hemm qbil li d-data tal-laqgħa annwali ta' Bubaqra ssir fis-sala tal-kappella ta' Bubaqra nhar l-Erbgħa 20 ta' Diċembru, 2017, fis-19:00.<br>Inqara r-rapport ta' ħidma li saret fis-sena 2017, mħejji mis-Segretarju Eżekuttiv u miċ-Chairperson Pierre Farrugia.<br>Wara l-membri tal-Kumitat jmorru għall-ikla tal-Milied, fil-Carciofo Restaurant. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***42.8*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 42.8.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-18:15. Il-membri preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 20ta' Diċembru, 2017 fis-19:15. |
| | | |

Konfermati, illum ______ ta' Diċembru, 2017.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**